MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Numru 737/2006

PULIZIJA
SPETTUR ARTHUR MERCIECA
VS
CARMELO PORTELLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Carmelo Portelli, ta’ 20 sena, iben John u Carmen nee’ Tabone, imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Settembru, 1985, residenti Block 1, Door B, Flat 17, Triq il-Mithna, Gudja u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 464185(M).

Billi huwa akkuzat talli fil-Gudja, matul il-lejl tat-8 ta’ Ottubru, 2005, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn diversi garaxxijiet li jinsabu fi Vjal it-Torri, Gudja, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, xorta tal-haga misruqa u valur li jeccedi il-mitt liri Maltin izda mhux aktar minn elf liri Maltin.

Akkuzat ukoll talli volontarjament ghamel hsara u gharraq hwejjeg haddiehor liema hsara ma teccedix il-hames mitt liri Maltin.

Akkuzat ukoll talli huwa recediva b'sentenzi li saru definittivi u talli kiser sentenza sospiza mghotija lilu mill-Magistrat, Dr. S. Demicoli LL.D. fit-23 ta' Frar, 2005.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.45) taht liema Artikoli l-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tat-30 ta' Ottubru 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fis-seduta tal-15 ta' April 2009;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Carmelo Portelli, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261(b) (c) (e) (f) (g), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271, 278, 279 (b), 280, 281, 325 (1) (b), 49, 50, 289, 28A sa 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin.

In oltre', tqieghed lill-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza ta' Direttur ta' Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat u tordna l-hrug tat-Treatment Order ghal perijodu ta' sentejn sabiex l-imputat jibda' u jikkompleta programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan is-

Sedqa u dana skond il-htigijiet ta’ l-imputat u l-ezigenzi ta’ l-istess istituzzjoni.

In oltre’, rigward l-ahhar akkuza u cioe l-ksur ta’ sentenza sospiza, l-Qorti qeghdha testendi l-perijodu sospiz ta’ tali sentenza ghal perijodu ta’ sentejn mill-gurnata tal-lum.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputat, l-eta’ giovanili tieghu u l-isfond familjari mwiegher ta’ l-imputat.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services u lid-Direttur tas-Sedqa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------